

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/286**tat-22 ta' Frar 2021****li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1248 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 33 u l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Settembru 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1248 ⁽¹⁾ li taħtar lis-Sa Susanna TERSTAL bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani (PPLN).
- (2) Fil-25 ta' Frar 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/250 ⁽²⁾ li testendi l-mandat tas-Sa Susanna TERSTAL bħala r-RSUE għall-PPLN. Il-mandat tar-RSUE ser jiskadi fit-28 ta' Frar 2021.
- (3) Jenħtieġ li l-mandat tar-RSUE għall-PPLN jiġi estiż b'perijodu ulterjuri ta' xahrejn, fl-ammont ta' referenza finanzjarja kif stabbilit fl-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2018/1248, kif emendata mid-Deċiżjoni (PESK) 2020/250.
- (4) Ir-RSUE għall-PPLN ser jimplementa l-mandat fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi l-kisba tal-oġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (PESK) 2018/1248 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 1***Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea**

Il-mandat tas-Sa Susanna TERSTAL bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani (PPLN) huwa estiż sat-30 ta' April 2021."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Frar 2021.

*Għall-Kunsill**Il-President*

J. BORRELL FONTELLES

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1248 tat-18 ta' Settembru 2018 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani (ĠU L 235, 19.9.2018, p. 9).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/250 tal-25 ta' Frar 2020 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1248 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani (ĠU L 54 I, 26.2.2020, p. 3).